MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Numru 684/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Romina Veneziani)**

**Vs**

Maria Luisa Portelli

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputata Maria Luisa Portelli detentrici ta’ karta ta’ identita’ numru 621353(M), akkuzata talli:

Fit-13 ta’ Mejju, 2006 u fil-jiem ta’ qabel, gewwa Tas-Sliema u gewwa dawn il-Gzejjer, b’mezzi kontra l-ligi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, ghamlet qliegh ghad-dannu ta’ Patricia Tokar

Cassola detentrici tal-karta ta’ identita’ 31653 A u liema ammont jeccedi l-mitt Lira Maltin (Lm100) izda ma jeccediex l-elf Lira Maltin (Lm1000) u dana bi ksur ta’ l-artikolu 308 u 310(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess dati, hinijiet, postijiet u cirkostanzi xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza ffalsifikata f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi ddahal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zzid jew tbiddel klawsoli, jkollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dana bi ksur ta’ l-artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess dati, hinijiet, postijiet u cirkostanzi xjentement ghamlet uzu minn atti, kitbiet jew skritturi foloz u dana bi ksur ta’ l-artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ffalsifikat ceduli, poloz, ordnijiet jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista’ jircievi bihom flus, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern ghad-dannu ta’ Patricia Tokar Cassola u dana bi ksur ta’ l-artikolu 167(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B’qerq fethet jew gie miftuh xi oggett postali li kellu jigi kkunsinnat, jew b’qerq ghamlet xi att li bih il-kunsinna xierqa ta’ l-oggett postali kienet impeduta jew imtawla u dana bi ksur ta’ l-artikolu 74 tal-Kap 254.

Semghet lill-imputata tammetti l-akkuzi f’liema ammissjoni baqghet tippersisti anka wara li l-Qorti taghtha zmien tikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputata huma ta’ truffa aggravata u falsifikazzjoni u wkoll ta’ reat taht il-Kap 254 Att dwar Servizzi Postali.

L-imputata ammettiet l-akkuzi u din l-ammissjoni taghha hi wahda volontarja u inkondizjonata.

Rat l-Artikoli 308, 310, 183, 184, 167(1) u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 74 tal-Kap 254.

Tiddeciedi li fuq ammissjoni taghha issibha hatja u tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor f’perjodu ta’ tlett xhur dekoribbli mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------